Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 6 ta' Jannar 2023**
**(OR. en)**

**5041/23**

**ECOFIN 10**
**UEM 9**
**SOC 4**
**EMPL 3**
**COMPET 8**
**ENV 3**
**EDUC 2**
**RECH 3**
**ENER 3**
**JAI 6**
**GENDER 2**
**ANTIDISCRIM 2**
**JEUN 2**
**SAN 7**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 15180/22 + ADD 1 |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 782 final |
| Suġġett: | Abbozz ta' RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-verżjoni ta' wara l-KEF u l-EWG tal-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro li għandha tiġi approvata mill-Ecofin fis-17 ta' Jannar 2023. L-adozzjoni formali tat-test għandha ssir wara l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2023.

**Abbozz ta' RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1), flimkien mal-Artikolu 121(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkonsulta l-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

---

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Billi:

(1) L-irkupru ekonomiku taż-żona tal-euro wara l-COVID ġie interrott minn sensiela ta' xokkijiet esterni. Bis-saħħa, b'mod partikolari, ta' rispons deċiżiv għall-politika ekonomika, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, u għat-tneħħija tal-miżuri ta' konteniment, iż-żona tal-euro rreġistrat tkabbir solidu tal-PDG fl-2021 u l-2022, 5,3 % u [3,2 %] rispettivament. Is-suq tax-xogħol wera wkoll li kien reżiljenti, bir-rata tal-qgħad mistennija tilħaq ir-rata baxxa rekord ta' 6,8 % fl-2022. Madankollu, iż-żieda fil-prezzijiet globali tal-enerġija, iż-żieda fl-inċertezza u t-tfixkil fil-katina tal-provvista kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna rriżultaw f'deċellerazzjoni ċara fl-attività ekonomika fit-tieni nofs tal-2022, u l-kriżi tal-enerġija wasslet għal rivalutazzjoni 'l isfel tat-tbassiriet għall-2023. B'mod ġenerali, it-tkabbir tal-PDG fiż-żona tal-euro huwa mistenni li jonqos għal 0,3 % biss fl-2023 qabel ma jerġa' lura għal tkabbir ta' 1,5 % fl-2024. Is-suq tal-enerġija u swieq oħra tal-komoditajiet qed iżidu l-inflazzjoni, li maż-żmien twessgħet għal oġġetti oħra u laħqet it-8,5 % fl-2022. L-inflazzjoni issa hija mistennija li tibqa' għolja fix-xhur li ġejjin, u tibqa' 6,1 % fl-2023 qabel ma tittaffa fl-2024. Is-swieq tax-xogħol huma mistennija li jibqgħu robusti hekk kif id-domanda għax-xogħol tibqa' għolja. B'sehem kbir ta' negozji li għadhom jirrappurtaw nuqqas ta' ħaddiema, il-qgħad mistenni li jiżdied biss b'mod moderat is-sena d-dieħla, qabel ma jerġa' jonqos fl-2024. Sadanittant, it-tkabbir fil-pagi nominali huwa mistenni li jiżdied fl-2023 iżda li jibqa' aktar baxx mir-rata tal-inflazzjoni, bir-riżultat li jkun hemm tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi. F'dan il-kuntest, is-surplus fil-kont kurrenti taż-żona tal-euro naqas, f'konformità mal-bilanċ tal-enerġija li qed jiddeterjora b'mod qawwi u, aktar 'il quddiem, id-deprezzament nominali tal-euro kontra d-dollaru Amerikan u xi muniti oħra mit-tieni nofs tal-2021 x'aktarx li jipprovdi biss spinta modesta lill-kompetittività minħabba l-ispejjeż għoljin tal-enerġija.

(2) Id-deterjorament fil-kundizzjonijiet makroekonomiċi u d-differenzi kbar fil-prezzijiet madwar l-Istati Membri jisfidaw il-konverġenza fl-introjtu u fiċ-ċiklu tan-negozju fiż-żona tal-euro. Filwaqt li l-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal diverġenzi profondi, għalkemm fil-biċċa l-kbira tranżitorji, fil-prestazzjoni makroekonomika, kellha impatt limitat u temporanju fuq is-sinkronizzazzjoni taċ-ċiklu tan-negozju. Il-kriżi tal-enerġija ġġib magħha impatti makroekonomiċi eteroġenji ġodda fiż-żona tal-euro. Minħabba differenzi bejn il-pajjiżi fit-taħlitiet tal-enerġija u fil-politiki biex jittaffa l-impatt tax-xokk tal-enerġija, madwar iż-żona tal-euro tfaċċaw differenzi kbar fir-rati tal-inflazzjoni nominali u bażi. Prezzijiet ogħla tal-enerġija u pressjonijiet tal-katina tal-provvista kellhom impatt mhux uniformi fuq il-manifattura u s-servizzi madwar l-Istati Membri taż-żona tal-euro u jistgħu jirriżultaw f'kompetittività relattiva mifruxa. Filwaqt li l-indikaturi disponibbli jissuġġerixxu li d-diskrepanzi fil-kompetittività fiż-żona tal-euro sa issa kienu limitati, id-diverġenzi fil-bilanċi tal-kontijiet kurrenti fiż-żona tal-euro dan l-aħħar kibru prinċipalment minħabba d-deterjorament tal-bilanċi tal-enerġija.

(3) L-iżgurar ta' rispons ta' politika xieraq u koordinat għal perspettiva ekonomika li qed tiddeterjora u inflazzjoni għolja jirrikjedi li l-politiki monetarji u fiskali jkunu kkalibrati b'mod xieraq u koerenti. Il-politika monetarja trid tindirizza l-inflazzjoni għolja. Il-BĊE jinsab lest li jindirizza r-riskji possibbli ta' dinamiki tas-suq mhux ġustifikati u diżordinati li huma ta' theddida serja għat-trażmissjoni tal-politika monetarja madwar iż-żona tal-euro. Fil-klima attwali, espansjoni fiskali wiesgħa biex tappoġġa d-domanda tkompli żżid il-pressjoni inflazzjonarja. Id-dejn pubbliku huwa għoli f'diversi Stati Membri taż-żona tal-euro. Dan jitlob politiki fiskali li huma differenzjati b'mod xieraq bejn l-Istati Membri skont is-sitwazzjoni ekonomika u fiskali tagħhom, kif irrakkomandat mill-Kunsill f'Lulju 2022.[3] Dan jirrikjedi wkoll li huma jkunu lesti li jaġġustaw l-infiq primarju attwali ffinanzjat nazzjonalment għas-sitwazzjoni li qed tevolvi filwaqt li jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn. Fl-istess ħin, huma meħtieġa miżuri fiskali mmirati u temporanji biex jiġu appoġġati l-persuni u l-kumpaniji vulnerabbli, anki bil-ħsieb li jinżammu l-impjiegi u l-kapital uman, filwaqt li jiġu ppreservati s-sinjali tal-prezzijiet u jiġu pprovduti inċentivi biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija. Il-koordinazzjoni mill-qrib tar-reazzjonijiet ta' politika bejn l-Istati Membri tibqa' kruċjali. Is-suq tax-xogħol u l-politiki soċjali huma strumentali wkoll fl-indirizzar tal-impatti soċjali ta' inflazzjoni għolja. Il-pagi medji mhumiex qed ilaħħqu mal-inflazzjoni fl-2022. Għall-ġejjieni, l-iżviluppi fil-pagi jeħtieġu bbilanċjar bir-reqqa biex tiġi protetta l-kapaċità tal-akkwist ta' dawk li jaqilgħu l-paga – b'enfasi fuq dawk li jaqilgħu paga baxxa – filwaqt li jiġi evitat ir-riskju li l-pagi jalimentaw l-inflazzjoni u japprofondixxu d-differenzi fil-kompetittività emerġenti fiż-żona tal-euro u madwar id-dinja. Il-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità tista' tgħin ukoll biex jiġi sostnut il-konsum. L-involviment attiv tas-sħab soċjali jgħin biex jiġu identifikati l-isfidi, inkluż dwar l-isfidi speċifiċi għall-unjoni monetarja, jittejbu s-soluzzjonijiet ta' politika, u tiġi żgurata sjieda usa' tal-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali. Il-politiki min-naħa tal-provvista jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal inflazzjoni aktar baxxa billi jaċċelleraw l-akkumulazzjoni ta' provvisti ta' enerġija alternattiva, itejbu l-kompetizzjoni u l-innovazzjoni, itejbu l-allokazzjoni tar-riżorsi, u jappoġġaw it-tkabbir tal-produttività. Ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja jeħtieġu wkoll monitoraġġ kontinwu.

[3] Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u li jagħtu l-opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà tal-2022, ĠU C 334, 1.9.2022.

(4) Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, "RRF") u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni huma għodod ewlenin biex tissaħħaħ ir-reżiljenza taż-żona tal-euro u tiġi appoġġata l-konverġenza. L-implimentazzjoni tal-RRF fl-Istati Membri taż-żona tal-euro tinsab fit-triq it-tajba, b'aktar minn EUR 136 biljun imħallsa fi prefinanzjament u wara t-twettiq tal-istadji importanti u l-miri. Minn mindu faqqgħet il-pandemija, il-programmi tal-politika ta' koeżjoni żborżaw aktar minn EUR 82 biljun lill-Istati Membri taż-żona tal-euro. L-RRF u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-politika taż-żona tal-euro permezz ta' diversi mezzi: it-tnejn li huma jappoġġaw l-attività ekonomika permezz ta' investiment addizzjonali u, fuq terminu itwal, l-investimenti ppjanati u r-riformi strutturali huma mistennija jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali filwaqt li jistimulaw tkabbir ogħla fil-produttività u fl-output potenzjali, kif ukoll isaħħu r-reżiljenza tal-Istati Membri. Proporzjon kbir ta' investimenti u riformi mwettqa bħala parti mill-RRF huwa rilevanti għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' politika taż-żona tal-euro identifikati f'rakkomandazzjonijiet preċedenti għaż-żona tal-euro. Għaldaqstant, it-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti miftehma abbażi tal-iskeda ppjanata hija essenzjali biex jinżamm il-momentum tar-riforma.

(5) Sabiex jiġi żgurat rispons ta' politika ekonomika konsistenti fil-livell tal-UE, l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli (Annual Sustainable Growth Survey, "ASGS")[4] jiddeskrivi l-prijoritajiet ta' politika ewlenin u l-linji gwida għas-sena li ġejja. L-ASGS huwa strutturat madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva: is-sostenibbiltà ambjentali, il-ġustizzja, il-produttività, l-istabbiltà makroekonomika u huma konformi mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija[5] jipprovdi l-analiżi tal-Kummissjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi potenzjali li jistgħu jfixklu l-funzjonament xieraq tal-ekonomiji tal-Istati Membri, l-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Unjoni kollha kemm hi.

[4] L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, COM (2022) 780.
[5] Ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta’ Twissija 2023, COM (2022) 781.

(6) Iż-żieda rapida fl-inflazzjoni matul is-sena li għaddiet wasslet għal aġġustament rapidu tal-pożizzjoni tal-politika monetarja madwar id-dinja. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) beda jinnormalizza l-politika monetarja biex jiżgura ritorn f'waqtu tal-inflazzjoni għall-mira ta' terminu medju ta' 2 %. Hija indikat ukoll li n-normalizzazzjoni tar-rati tal-imgħax ser tkompli, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi tad-data ekonomika. Ir-restrizzjonijiet fuq il-provvista għandhom rwol sinifikanti fiż-żieda reċenti fl-inflazzjoni, u d-differenzi fl-inflazzjoni jagħmlu t-twettiq tal-politika monetarja aktar diffiċli. Trażmissjoni uniformi tal-pożizzjoni politika madwar iż-żona tal-euro hija prekundizzjoni biex il-politika monetarja twettaq il-mandat tagħha.

(7) Il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro, imkejla bħala l-bidla fin-nefqa primarja netta relattiva għat-tkabbir potenzjali medju, hija pproġettata li tkun espansjonarja fl-2022 u ġeneralment newtrali fl-2023, skont il-Kummissjoni, iżda taqleb espansjonarja jekk miżuri addizzjonali ta' appoġġ għall-enerġija kellhom jiddaħħlu fis-seħħ jew dawk attwali mġedda tul l-2023. Fl-2023, il-politika fiskali jenħtieġ li tevita li tamplifika l-effetti inflazzjonarji tax-xokkijiet kontinwi fil-provvista u, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll għaż-żona tal-euro kollha kemm hi, mhuwiex ġustifikat impuls fiskali wiesa' għall-ekonomija. L-isfida hija partikolarment akuta għall-Istati Membri li jesperjenzaw inflazzjoni bażika għolja, anki fid-dawl tad-diffikultajiet ekonomiċi u soċjali serji kkawżati mill-erożjoni tal-kapaċità tal-akkwist ta' dawk li jaqilgħu l-paga, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'paga baxxa. Barra minn hekk, il-politika fiskali jenħtieġ li tibqa' prudenti u tikkombina investiment ogħla mal-kontroll tat-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja netta. F'dan il-kuntest, iż-żieda ulterjuri mistennija fl-assorbiment tal-RRF u fl-investimenti ffinanzjati nazzjonalment fl-Istati Membri kollha hija konsistenti mal-ħtieġa li jiġi estiż l-investiment pubbliku u privat għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija. Fl-istess ħin, l-aġilità tal-politika fiskali tgħin biex tirreaġixxi għal inċertezza għolja u riskji negattivi qawwija għall-perspettiva ekonomika, filwaqt li ma timminax l-inċentivi għat-tranżizzjoni tal-enerġija. Il-pandemija tal-COVID-19 ħalliet legat ta' dejn għoli ħafna fiż-żona tal-euro, u filwaqt li d-dejn pubbliku huwa mistenni li jonqos, ser jibqa' ferm ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija. Filwaqt li r-riskji għas-sostenibbiltà fuq terminu qasir naqsu fil-biċċa l-kbira tagħhom, ir-riskji fuq terminu medju u twil għadhom għoljin f'diversi Stati Membri, u ż-żieda fir-rati tal-imgħax huma mistennija jikkontribwixxu gradwalment għal piż tad-dejn ogħla.

(8) Sabiex iwieġbu għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, l-Istati Membri taż-żona tal-euro ħadu miżuri ta' emerġenza stmati li jirrappreżentaw 1¼ % tal-PDG fl-2022 u sa 1 % fl-2023, bit-tnaqqis mistenni jiddependi fuq l-iżviluppi fil-prezz tal-enerġija u fuq ir-roll-back ippjanat tal-miżuri relatati. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-miżuri li ttieħdu sa issa għandhom l-għan ewlieni li jtaffu ż-żidiet fil-prezzijiet, u medja ta' 20 % biss huma miżuri mmirati għall-introjtu. Hemm bżonn li tiġi limitata l-ispiża fiskali ta' tali miżuri ta' appoġġ, filwaqt li jitqies l-impatt distributtiv tagħhom bejn il-kategoriji tal-introjtu, l-impatt fuq id-domanda għall-enerġija u l-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika, id-distorsjonijiet possibbli għas-suq uniku u l-effetti konsegwenzjali negattivi fost il-pajjiżi. Għal dan il-għan, huwa importanti li jintlaħaq qbil dwar approċċ komuni. B'mod partikolari, jista' jiġi esplorat mudell ikkalibrat sew tal-ipprezzar tal-enerġija fuq żewġ livelli, fejn il-konsumaturi vulnerabbli jibbenefikaw minn prezzijiet regolati sa ċertu livell ta' konsum, u skemi oħra li jiksbu objettivi simili, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi nazzjonali; kif ukoll riflessjoni dwar modi xierqa biex jitnaqqas l-appoġġ hekk kif jonqsu l-pressjonijiet fuq il-prezzijiet tal-enerġija. Minbarra l-miżuri temporanji tal-enerġija, l-investiment pubbliku u privat jista' jgħin biex jissaħħu s-sigurtà u l-indipendenza tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. Sa mill-kriżi finanzjarja globali, iż-żona tal-euro ilha tbati minn livelli baxxi ta' investiment kemm privat kif ukoll pubbliku. Il-passi ta' politika meħuda b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, bl-appoġġ eċċezzjonali ta' NextGenerationEU, għenu biex jinżamm il-livell ta' investiment pubbliku, b'impatt pożittiv fuq it-tkabbir potenzjali, speċjalment fl-Istati Membri bl-ogħla piż tad-dejn pubbliku. Aktar investiment privat u pubbliku, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, u tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima li għandhom jiġu aġġornati mill-Istati Membri sa Ġunju 2023, huwa kritiku għat-tkabbir sostenibbli u koeżiv u biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

(9) Fid-9 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE[6] biex tittejjeb l-effettività tas-sorveljanza ekonomika u l-koordinazzjoni tal-politika fl-Unjoni. Il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tiddefinixxi arkitettura aktar sempliċi u integrata għas-sorveljanza makrofiskali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn u jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv. L-elementi ewlenin tal-Komunikazzjoni għandhom l-għan li jissimplifikaw il-qafas, itejbu s-sjieda nazzjonali, u jsaħħu l-infurzar. Il-Komunikazzjoni tipproponi li t-trajettorji fiskali jkunu stipulati fuq pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju proposti mill-Istati Membri, f'qafas komuni trasparenti tal-UE. Dawn il-pjanijiet, li jkunu adottati mill-Kunsill, ikunu jiġbru flimkien l-impenji fiskali, ta' riforma u ta' investiment li jappoġġaw is-sostenibbiltà tad-dejn u t-tkabbir sostenibbli u jirriflettu l-prijoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali. L-impenji ta' riforma u investiment fil-pjan nazzjonali fiskali-strutturali ta' terminu medju, ikunu jippermettu perjodu itwal ta' aġġustament fiskali. Filwaqt li jinżammu l-valuri ta' referenza tat-Trattat (3 % tal-PDG għad-defiċit u 60 % tal-PDG għad-dejn), il-qafas ikun jiddependi fuq sorveljanza aktar ibbażata fuq ir-riskju ffukata fuq is-sostenibbiltà tad-dejn. Fir-rigward tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP), huwa importanti li l-iżbilanċi makroekonomiċi jkomplu jiġu indirizzati b'mod koordinat u bbilanċjat. Il-Komunikazzjoni tipproponi qafas li jħares 'il quddiem biex ikunu jistgħu jiġu identifikati r-riskji emerġenti hekk kif jiżviluppaw. Il-valutazzjoni ta' jekk jeżistux żbilanċi tibqa' bbażata fuq it-tliet kriterji tal-gravità, l-evoluzzjoni u r-rispons tal-politika. Madankollu, il-kriterji tal-evoluzzjoni u r-rispons ta' politika mill-Istat Membru kkonċernat jingħataw aktar piż fil-valutazzjoni.

[6] Il-Komunikazzjoni dwar orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas ta’ governanza ekonomika tal-UE, COM(2022) 583 final.

(10) Is-suq tax-xogħol taż-żona tal-euro wera reżiljenza notevoli bis-saħħa tal-appoġġ ta' politika matul il-kriżi tal-COVID-19. Fl-ewwel trimestru tal-2022, is-sigħat totali maħduma qabżu l-livelli ta' qabel il-pandemija, u l-impjiegi komplew jikbru matul l-ewwel nofs tal-2022 għal livelli storikament għoljin fit-tieni kwart tal-2022 li wasslu r-rata tal-qgħad għal 6,8 %, l-aktar livell baxx tagħha mill-ħolqien tal-euro. Madankollu, għad hemm lok għal titjib fir-rigward tal-integrazzjoni tan-nisa, taż-żgħażagħ u l-persuni akbar fl-età, tal-persuni b'diżabilità u tal-gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol. Għall-ġejjieni, it-tnaqqis mistenni fl-attività ekonomika huwa mistenni li jkun ta' piż fuq il-prospett tal-impjiegi, bir-rata tal-qgħad tiżdied bi ftit fl-2023. Ftit hemm evidenza li l-kriżi tal-COVID-19 wasslet għal deterjorament strutturali ta' kwistjonijiet ta' tqabbil tal-impjiegi. Madankollu, hemm differenzi sinifikanti fis-suq tax-xogħol bejn l-Istati Membri u s-setturi. Sa mill-2019, il-ħolqien tal-impjiegi kien l-aktar b'saħħtu fit-teknoloġija tal-informazzjoni u s-servizzi professjonali filwaqt li t-trasport, l-akkomodazzjoni u l-ikel irreġistraw telf ta' impjiegi. It-tibdil demografiku x'aktarx li jkollu wkoll rwol fl-issikkar tas-swieq tax-xogħol taż-żona tal-euro. Investiment adegwat u effettiv f'edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità fl-etajiet kollha ser ikun kruċjali biex jittaffa n-nuqqas ta' ħiliet attwali u futuri u jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. It-tkabbir fil-pagi żdied kemxejn matul l-2022, li wassal għal żieda aggregata fil-kostijiet tal-unità lavorattiva. Madankollu, dan baqa' moderat b'mod ġenerali u huwa pproġettat li jibqa' ferm aktar baxx mill-inflazzjoni. Il-kumpens reali mill-impjegat huwa pproġettat li jonqos bi 2,8 % fl-2022 u b'0,9 % oħra fl-2023 qabel ma jirkupra parti mit-telf fl-2024. L-aspettattivi dwar l-inflazzjoni ankrata għandhom rwol ewlieni fil-mitigazzjoni tar-riskji li ż-żidiet rapidi fit-talbiet tal-pagi jkomplu jżidu l-inflazzjoni.

(11) Ir-riformi strutturali, inkluż dawk imwettqa bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew jew ir-riformi ekoloġiċi u diġitali appoġġati mill-RRF u l-pjan REPowerEU, huma kruċjali biex jissaħħu s-Suq Uniku u r-reżiljenza tal-ekonomiji taż-żona tal-euro. F'dak ir-rigward, huwa importanti wkoll li jiġu implimentati r-riformi speċifiċi għall-pajjiż rakkomandati mill-Kunsill[7]. It-titjib ulterjuri tal-ambjent tan-negozju, inkluż billi jitnaqqsu l-ostakli għall-investiment u r-riallokazzjoni tal-kapital, l-immodernizzar tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, it-tħaffif tal-għoti tal-permessi, filwaqt li jitħares l-ambjent u jitneħħew oqfsa regolatorji restrittivi jistgħu jżidu l-produttività u t-tkabbir. Ir-riformi, flimkien mal-investiment, huma strumentali biex titwettaq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika, l-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika, iż-żieda fil-provvista u l-użu tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll l-appoġġ għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid. Iż-żieda rapida u persistenti fil-prezzijiet tal-enerġija poġġiet il-mudelli tan-negozju tal-industriji intensivi fl-enerġija u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju taħt pressjoni, b'impatt fuq l-impjiegi u l-kapital uman. Reġimi ta' insolvenza effiċjenti jistgħu jappoġġaw it-tranżizzjoni u jagħmluha aktar faċli biex ir-riżorsi jiġu riallokati. Ir-reġimi tal-insolvenza fiż-żona tal-euro għadhom ivarjaw ħafna u ż-żieda fl-effettività u l-armonizzazzjoni tagħhom tappoġġa l-aġġustament ekonomiku u s-suq uniku għall-kapital.

[7] Semestru Ewropew 2022: jintlaħaq qbil dwar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi - Consilium (europa.eu)

(12) Sa issa, is-settur bankarju wera reżiljenza ġenerali fl-2022. Filwaqt li s-settur bankarju taż-żona tal-euro kollu kemm hu huwa kapitalizzat tajjeb u ra titjib fil-profittabbiltà mill-2021, deterjorament qawwi fil-prospettiva makroekonomika, flimkien ma' rati tal-imgħax ogħla li jżidu l-kostijiet għal min jissellef, jistgħu jissarrfu fi kwalità tal-assi aktar dgħajfa. F'kuntest ta' aċċess aktar strett għall-kreditu, il-monitoraġġ f'waqtu tar-riskji, l-involviment proattiv mad-debituri u l-ġestjoni attiva ta' self improduttiv huma importanti biex tinżamm il-kapaċità tal-banek li jiffinanzjaw l-ekonomija. Ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tista' tiġi mxekkla minn fatturi strutturali, inkluż il-kapaċità żejda u l-kompetizzjoni minn fornituri ġodda ta' servizzi finanzjarji. Riskji oħra jistgħu jitfaċċaw ukoll fis-swieq finanzjarji. B'mod partikolari, primjums ta' riskju ogħla u kundizzjonijiet ta' likwidità aktar stretti jistgħu jwasslu għal tnaqqis fil-prezzijiet tal-assi. Minħabba sejħiet għall-marġni, dan jista' jikkawża aktar pressjonijiet lil hinn mill-istress tal-likwidità diġà esperjenzat minn xi kumpaniji tal-enerġija. Il-mod kif is-swieq tal-proprjetà immobbli residenzjali u kummerċjali jirreaġixxu għaż-żidiet fir-rati tal-imgħax jirrikjedi wkoll monitoraġġ mill-qrib, billi domanda aktar baxxa u l-kapaċità tas-servizzi tad-dejn li sejra għall-agħar jistgħu jeżerċitaw pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-proprjetà immobbli u jwasslu għal riskji ċikliċi, b'mod partikolari fl-Istati Membri taż-żona tal-euro fejn id-dejn tal-unitajiet domestiċi huwa elevat. Barra minn hekk, iż-żieda fir-riskji ċibernetiċi titlob aktar attenzjoni, u l-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali miftiehem dan l-aħħar ser isaħħaħ ir-reżiljenza tad-ditti finanzjarji kontra r-riskji relatati mat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. F'Settembru 2022, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ħareġ twissija fejn talab lill-istituzzjonijiet tas-settur privat, lill-parteċipanti fis-suq u lill-awtoritajiet rilevanti biex ikomplu jħejju għal xenarji ta' riskju ta' titrif.[8]

[8] It-Twissija tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-22 ta' Settembru 2022 dwar il-vulnerabbiltajiet fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni (ESRB/2022/7).

(13) F'Ġunju 2022, il-Grupp tal-Euro qabel li, bħala pass immedjat, il-ħidma fuq il-futur tal-Unjoni Bankarja jenħtieġ li jkun iffukat fuq it-tisħiħ tal-qafas komuni għall-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u skemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti biex ikun hemm qafas li jkun adattat għat-tipi kollha ta' banek. Il-Grupp tal-Euro impenja ruħu li sussegwentement jirrevedi l-istat tal-Unjoni Bankarja u jidentifika b'mod kunsenswali aktar miżuri possibbli rigward l-elementi pendenti l-oħra biex tissaħħaħ u titlesta l-Unjoni Bankarja. Il-Kummissjoni ħabbret li biħsiebha tagħmel proposta leġiżlattiva dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-assigurazzjoni tad-depożiti (crisis management and deposit insurance, "CMDI") kmieni fl-2023. Modifiki għall-qafas tas-CMDI jistgħu jgħinu biex is-settur bankarju taż-żona tal-euro jsir aktar reżiljenti. Il-Kummissjoni ħabbret ukoll li fl-ewwel nofs tal-2023 ser tippreżenta proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi l-euro diġitali u tirregola l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, soġġetta għad-deċiżjoni tal-koleġiżlaturi. Deċiżjoni possibbli dwar il-ħruġ tal-euro diġitali tittieħed mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE wara t-tlestija ta' fażi potenzjali ta' realizzazzjoni. Euro diġitali, li jkun komplementari għall-flus kontanti, jista' jiżblokka diversi benefiċċji għall-ekonomija taż-żona tal-euro. Dan jappoġġa b'mod partikolari d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u l-innovazzjoni fil-pagamenti, filwaqt li jsaħħaħ ukoll ir-rwol internazzjonali tal-euro. L-iżvilupp ta' euro diġitali jista', anki fl-isfond tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, iżid l-awtonomija ekonomika u finanzjarja taż-żona tal-euro u tal-Unjoni.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li jenħtieġ li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, individwalment, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, u kollettivament fil-Grupp tal-Euro, fl-2023–2024 biex:

1. Joqogħdu lura minn appoġġ fuq bażi wiesgħa għad-domanda aggregata fl-2023, filwaqt li jimmiraw miżuri fiskali aħjar biex jindirizzaw l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-kumpaniji vijabbli, u jżommu l-aġilità li jaġġustaw għas-sitwazzjoni li qed tevolvi b'mod rapidu, jekk ikun meħtieġ. Ikomplu jikkoordinaw il-politiki fiskali nazzjonali fl-Istati Membri kollha biex jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir b'mod sostenibbli, u b'hekk jiffaċilitaw ukoll il-kompitu tal-politika monetarja biex tiżgura ritorn f'waqtu tal-inflazzjoni għall-mira ta' terminu medju ta' 2 % tal-BĊE. Jaqblu dwar approċċ komuni u, b'mod partikolari, jikkunsidraw is-sostituzzjoni ta' miżuri ta' prezzijiet b'bażi wiesgħa b'mudell ta' pprezzar tal-enerġija b'żewġ livelli kosteffiċjenti u kkalibrati sew li jiżgura inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija, jew skemi oħra li jiksbu objettivi simili, b'kont meħud tal-karatteristiċi nazzjonali, kif ukoll jirriflettu dwar modi adatti biex jitnaqqas l-appoġġ hekk kif jonqsu l-pressjonijiet fuq il-prezzijiet tal-enerġija. Jiddefinixxu strateġiji fiskali differenzjati b'mod xieraq fuq terminu medju, permezz ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, kif ukoll permezz ta' investimenti u riformi, biex jinkisbu pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju.

2. Isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku u jippromwovu investimenti privati, li huma meħtieġ biex tingħata spinta lir-reżiljenza ekonomika u soċjali u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, inkluż għal effiċjenza enerġetika akbar, it-tranżizzjoni lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Jimplimentaw il-programmi tal-politika ta' koeżjoni u l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li jiżguraw it-twettiq f'waqtu tar-riformi u l-investiment, u jiżguraw li l-aġġornamenti tal-pjanijiet ikunu mmirati, u jqisu s-sitwazzjoni ekonomika li qed tevolvi, filwaqt li jnaqqsu l-ambizzjoni ġenerali. Jieħdu passi ulterjuri, inkluż permezz tal-pjan REPowerEU u permezz ta' pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima, biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u tiżdied l-indipendenza enerġetika tal-Unjoni.

3. F'konformità mal-prattiki nazzjonali u filwaqt li jiġi rrispettat ir-rwol tas-sħab soċjali, jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist ta' dawk li jaqilgħu l-paga, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'paga baxxa, filwaqt li jiġu riflessi l-iżviluppi fil-produttività fuq terminu medju u jiġu limitati l-effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni. Jiżviluppaw u jadattaw, fejn meħtieġ, sistemi ta' appoġġ soċjali biex jgħinu lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli jindirizzaw ix-xokk enerġetiku u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, filwaqt li jindirizzaw ir-riskju akbar ta' faqar. Ikomplu jtejbu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jieħdu miżuri biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet u jippromwovu impjiegi ta' kwalità. Jiżguraw l-involviment effettiv tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika u jsaħħu d-djalogu soċjali.

4. Jiżguraw li l-appoġġ lill-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li jiġu taħt pressjoni finanzjarja minħabba l-kriżi tal-enerġija jkun kosteffettiv, temporanju, u mmirat lejn ditti vijabbli. L-appoġġ ipprovdut jenħtieġ li jżomm l-inċentivi għall-effiċjenza enerġetika u għall-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jippreserva l-kundizzjonijiet ekwi u l-integrità tas-suq uniku, inkluż permezz tal-Qafas Temporanju ta' Għajnuna mill-Istat għall-Kriżijiet. Itejbu l-ambjent tan-negozju, b'mod partikolari billi jtejbu l-kompetizzjoni u jżidu l-effiċjenza tal-oqfsa tal-insolvenza biex jiżguraw li dawn jittrattaw b'mod effettiv u f'waqtu l-falliment u r-ristrutturar korporattiv. Jikkontribwixxu għall-progress lejn l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

5. Jippreservaw l-istabbiltà makrofinanzjarja, iżżomm il-kanali ta' kreditu għall-ekonomija u jevitaw ir-riskju ta' frammentazzjoni finanzjarja. Jimmonitorjaw ir-riskji marbuta b'mod partikolari mat-tensjonijiet fis-settur tal-enerġija, l-issikkar tal-kondizzjonijiet finanzjarji, l-assi improduttivi, il-livelli ta' dejn privat u l-iżviluppi fis-swieq immobiljari. Ikomplu jaħdmu fuq it-tlestija tal-Unjoni Bankarja, bil-pass li jmiss ikun ir-riforma tal-qafas attwali tal-Ġestjoni tal-Kriżijiet u l-Assigurazzjoni ta' Depożitu. Ikomplu jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-ħidma preparatorja dwar l-introduzzjoni possibbli ta' euro diġitali.

Passi ulterjuri fl-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) jenħtieġ li jqisu t-tagħlimiet meħuda mit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-rispons komprensiv tal-politika ekonomika tal-Unjoni għall-kriżi tal-COVID-19. Progress rapidu dwar ir-rieżami tal-governanza ekonomika huwa prijorità għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Il-progress fl-approfondiment tal-UEM jenħtieġ li jitkompla b'rispett sħiħ tas-suq uniku tal-Unjoni u b'mod miftuħ u trasparenti lejn l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*